MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-2 ta' April, 2012

Talba Numru. 289/2011

**Bank of Valletta plc – C2833**

**vs**

**Chantelle Farrugia – ID348286-M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ddikjarat illi l-konvenuta tinsab debitrici tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ elf, tlett mija u disgha u tmenin Ewro u sbatax-il centezmu (€1,389.17c) bilanc ghad-debitu fil-*loan account* taghha mall-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “A1 sa A3) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-21 ta’ Jannar 2011, sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-Ittra Ufficjali datata 24 ta’ Gunju 2010(Dok. “B”) u tal-Mandat ta’ Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment.

Illi, interpellata sabiex thallas id-dejn fuq imsemmi, il-konvenuta baqghet inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din it-talba.

Illi s-socjeta' attrici qed tipprezenta wkoll Affidavit skond il-ligi hawn anness u mmarkat Dok. "C".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tliet mija disgha u tmenin Ewro u sbatax-il centezmu (€1,389.17c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------